

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Diċembru 2021 – Oltchim vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-565/19) <sup>(1)</sup>

*("Għajnuna mill-Istat – Miżuri ta' appoġġ meħuda mir-Rumanija favur impriżza petrokimika – Nuqqas ta' eżekuzzjoni, akkumulazzjoni u annullament ta' djun pubbliku – Rikors għal annullament – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Bidu tad-dekorrenza – Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Interess għuridiku – Eżistenza ta' miżura waħda jew iktar – Riżorsi tal-Istat – Imputabbiltà lill-Istat – Applikabbiltà tal-kriterju ta' kreditur privat – Applikazzjoni tal-kriterju ta' kreditur privat – Obbligu ta' motivazzjoni")*

(2022/C 84/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

Rikorrent: Oltchim SA (Râmnicu Vâlcea, ir-Rumanija) (rappreżentanti: C. Arhold, L.-A. Bondoc, S.-E. Petrisor u K. Struckmann, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewopea (rappreżentanti: V. Bottka u F. Tomat, aġenti)

#### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1144 tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar l-għajnuna mill-istat SA.36086 (2016/C) (ex 2016/NN) implementata mir-Rumanija għal Oltchim SA (ĠU 2019, L 181, p. 13).

#### **Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 1(a) u (c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1144 tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar l-għajnuna mill-istat SA.36086 (2016/C) (ex 2016/NN) implementata mir-Rumanija għal Oltchim SA, huwa annullat.
- 2) L-Artikoli 3 sa 6 u l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni 2019/1144 huma annullati sa fejn jikkonċernaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(a) u (c) ta' din id-deċiżjoni.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Oltchim għandha tbati kwart tal-ispejjeż rispettivi tagħha.
- 5) Il-Kummissjoni Ewopea għandha ibati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, tliet kwarti mill-ispejjeż sostnuti minn Oltchim.

<sup>(1)</sup> ĠU C 383, 11.11.2019.

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-21 ta' Diċembru 2021 – Hamers vs Cedefop

(Kawża T-159/20) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Investigazzjoni tal-OLAF – Trasmissjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ta' informazzjoni relatata ma' fatti li jistgħu jwasslu għal proċeduri kriminali – Proċedura kriminali nazzjonali – Assoluzzjoni – Aġir taċ-Ċedefop marbut mal-proċedura kriminali nazzjonali – Ċaħda tat-talba għal kumpens – Rikors għal annullament u għal kumpens – Kunflitt ta' interassi – Preżunzjoni ta' innoċenzo – Kompetenzi tal-kummissjoni ta' appell taċ-Ċedefop)*

(2022/C 84/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

#### **Partijiet**

Rikorrent: Helene Hamers (Angelochori, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos, A. Politis, M. Rodopoulos u A. Skoulikis, avukati)